MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1664/2001/1

***Maltacom p.l.c.***

***vs***

***Julius Farrugia***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u tnejn u hamsin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm852.78), rappresentanti hlas dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 672042 u dana skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma' l-avviz immarkati bhala Dokument A u B.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra iterpellatorja datata 3 ta' Lulju 2001 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-P.L. Noel Scerri ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tnejn u hamsin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm852.78), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-3 ta’ Lulju 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**